# Talb bl-amment JGĦODD?



***Fil-knisja nisma' ta' spiss lill-qassis jgħid biex meta nitolbu ma noqogħdux ngħidu talb bl-amment. Jien inħobb nitlob kuljum u ngħid l-istess talb, per eżempju nitlob għall-familja, għall-proxxmu, għall-erwieħ. Qabel norqod kuljum inħobb ngħid tliet Ave Marijiet u l-Missierna, u matul il-ġurnata ngħid xi talb ieħor li jiġini f'moħħi. Wara kollox meta mmorru l-quddies mhux dejjem l-istess talb ngħidu u mhux l-istess kant inkantaw? Il-vanġelu biss jinbidel. Inħossni ftit imħawda għax ma nafx kif naqbad nitlob.***

**Rose Micallef, Żebbuġ**

Il-Knisja hija għanja ħafna fil-forom differenti ta' talb li tipproponilna. Hemm talb flimkien mal-komunità nisranija, u hemm talb personali. Hemm talb li jingħad bil-fomm, u talb fejn tuża l-ħsieb, l-immaġinazzjoni, l-emozzjonijiet u x-xewqat.

Hemm talb li nistgħu nsejħulu *formali*, u hemm talb ieħor li huwa *spontanju*. Kollu kemm hu huwa talb, u Alla jilqgħu kollu. Imma hemm xi differenzi wkoll.

Dak formali huwa stabbilit, jiġifieri jsir skond forma li hi l-istess għal kulħadd, bħall-Quddiesa, ir-Ružarju, it-talb tal-Liturġija tas-Sigħat (il-Brevjar).

Imbagħad hemm it-talb spontanju. Dan ismu miegħu: m'għandux forma fissa. Fih tkellem lil Alla jew lill-Madonna u l-qaddisin b'mod spontanju.

Dwar talb bl-amment, m'hemm xejn ħażin billi ngħiduh, basta *nifhmu x'qegħdin nitolbu*. L-importanti mhux kemm ngħidu jew kemm ngħaġġlu u nlaħħqu talb bl-amment, imma *kif* ngħiduh.

Inti għedt li fil-Quddiesa ngħidu dejjem l-istess talb u nkantaw l-istess kant. Veru li l-istruttura tal-quddiesa hija stabbli, imma hemm ħafna partijiet li jinbidlu kuljum, bħat-talba tal-bidu (il-kolletta), it-talba fuq l-offerti u t-talba ta' l-aħħar. Is-saċerdot juża wkoll talbiet ewkaristiċi differenti. Il-qari jkun differenti wkoll.

Importanti ħafna li nkunu attenti għal kull talba tal-quddiesa, kemm jekk

inwieġbu bl-istess mod li weġibna l-jum ta' qabel, kif ukoll billi napprezzaw it-talbiet li semmejna u li jinbidlu kuljum.

M'għandekx għax titħawwad. Lil Alla u lill-qaddisin itlobhom kif taf. Kellimhom kif titkellem ma' persuna. Uża kemm it-talb formali kif ukoll dak spontanju.

Hemm talb ta' *barka* u ta' *adorazzjoni*; hemm talb ta' *petizzjoni* (talb biex taqla' xi ħaġa jew talb ta' maħfra), ta' *interċessjoni* (meta nitolbu għall-bżonnijiet ta' xi ħadd), ta' *radd il-ħajr* u ta' *tifħir*. Dwar dawn il-forom ta' talb nissuġġerilek taqra mill-*Katekiżmu*, paragrafi 2626-2649.

Tista' titlob ukoll permezz ta' l-Iskrittura billi tfittex passaġġ u tirrifletti dwaru, jew tirrepeti xi parti minnu. Titlob, fuq kollox, billi tpoġġi lilek innifsek fil-*preżenza ta' Alla*. Iddisponi ruħek, kemm jekk titlob bl-amment, kemm jekk spontanjament, kif ukoll jekk toqgħod fis-skiet. L-importanti li tara x'ikun qed jgħidlek il-Mulej.



# Mhux tort tagħna!

Dan ix-xahar ta' Mejju huwa dejjem magħqud mal-Madonna, ma' Sidtna Marija. Żgur li r-Rebbiegħa tagħtina ħjiel tas-sbuħija tal-ħolqien, u allura tal-Ħallieq. Għalhekk xieraq li f'dan ix-xahar inqimu lil Alla f'din l-isbaħ ħlejqa li għamel.

Alla l-imbierek għamilha sabiħa għaliex kienet don lil Ibnu. Ibnu kellu jiġi fid-dinja biex isalvana. Biex jagħmel hekk, sar Bniedem bħalna u allura kellu jitwieled minn mara. Tista' timmaġina li Alla l-Missier, fl-imħabba infinita tiegħu għal Ibnu, ma jagħtihx l-isbaħ Omm?

U kultant ikun hemm min jistagħġeb bina l-Kattoliċi għaliex inħobbuha tant u nagħtuha tant ġieħ! Iżda dan mhux kollu "tort" tagħna!

Ir-raġuni hi li aħna aċċettajna l-istedina ta' Ġesù fil-Vanġelu biex insiru nafuha. Hu ried li l-Madonna tkun preżenti fit-tieġ ta' Kana u għamel l-ewwel miraklu meta l-Madonna daħlet għal dawk l-għarajjes.

Ried li l-Madonna tkun ħdejn is-Salib tiegħu. Ried li hija tkun ma' l-Appostli meta kienu qed jitolbu u jistennew l-Ispirtu s-Santu fuqhom.

Ma naħsibx li aħna l-insara qed nonqsu lill-Mulej meta aħna nwieġbu għal dan kollu u ngħidu lill-Mulej: "Grazzi, Mulej, talli introduċejt lil Ommok Marija lilna. Tant aħna kuntenti, li ma niddejqux li nuru l-istima li kellek għaliha int, aħna li aħna wkoll il-Ġisem Mistiku tiegħek, u allura Hi ssir Ommna wkoll".



Naħseb iktar ikun jonqos min jaqra l-Vanġeli, jara dan kollu, u lil Ġesù jgħidlu: "Mulej, jiena naċċetta dak kollu li għedt int, imma lil Ommok irrid inwarrabha fil-ġenb, qisha ma teżistix!"

Naħseb li *din* tkun xi ħaġa li tweġġa' lil Ġesù, u mhux għaliex inħalluha twassalna għandu billi nirriflettu fuq dak li hemm miktub fuqha fil-Vanġeli, u nħalluha twassal it-talb tagħna għand Binha, bħalma għamlet f'Kana.